**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 56/2011**

**Illum: 14 ta' Dicembru 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Alexander Caruana**
**(ID 196359(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Alexander Caruana ta' 51 sena, iben Joseph u Rosaria nee` Zammit, imwieled il-Pieta` fil-5 ta' Marzu 1959 u joqghod 7, Flat 3, Triq San Patrizju, Valletta u detentur tal-karta tal-identita` numru 196359(M);

Akkuzat talli fis-7 ta' Ottubru 2010 ghall-habta tal-3:45 p.m. u zminijiet qabel waqt li kien fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u f'diversi postijiet f'dawn il-Gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga kienet fil-pussess tieghu f'tali mod li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Ukoll talli fl-istess cirkostanzi, ittenta jaghmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew hajjar jew gieghel persuna ohra taghmel dak ir-reat bi ksur tal-Artikolu 22(5) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala persuna li m'hix ufficjal tal-habs, jew persuna ohra mpjegat fil-habs, minghajr l-Awtorita` legittima dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini ta' habs xi oggett li jkun li hu pprojbit skont xi regolamenti maghmula skont dan l-Att, jew garr jew ipprova jgorr xi oggett bhal dak barra mill-habs.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokument esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz u li mhumiex qed jigu kkontestati, kienu s-segwenti: Nhar is-7 ta' Ottubru 2010, l-imputat mar gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex jaghmel vizta lil ibnu, Janis Caruana, li dak iz-zmien kien detenut gewwa l-istess Facilita`. Qabel dahal ghall-vizta, saritlu tfittxija mill-Ufficjali tal-Habs, waqt liema tfittxija huwa tahom pakkett li kien jikkontjeni s-sustanza eroina. L-imputat gie arrestat u interrogat u rrilaxxja stqarrija dakinhar stess, liema stqarrija sussegwentement huwa kkonfermaha bil-gurament tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[1], jirrizulta illi huwa nghata, ghall-analizi tieghu, *envelope* kannella li kien issigillat u ffirmat, li kien jikkontjeni ingwanta u bicca plastik trasparenti li kien fiha trab ta' lewn kannella. Skont l-istess relazzjoni, fl-estratt mehud mit-trab ta' lewn kannella f'dan id-dokument, instabet is-sustanza eroina. Il-piz tat-trab kien ta' 2.70 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 15%. Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-istess espert ikkonferma li din kienet ir-relazzjoni li huwa pprezenta quddiem il-Magistrat Inkwirenti fit-30 ta' Marzu 2011.[2]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi f'dan il-kaz, id-difiza mhijiex tikkontesta illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat kien fil-pussess tad-droga eroina gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin hekk kif kien ser jaghmel vizta lil ibnu Janis Caruana. Fil-fatt dan jirrizulta ampjament mill-provi prodotti. Dak li qeghda tikkontesta d-difiza huwa l-element formali tar-reat u dan fis-sens illi, fil-fehma tad-difiza, dan l-element kien nieqes. Skont id-difiza, ghalkemm l-imputat dahal il-habs bid-droga, huwa ried jinqabad mill-Ufficjali tal-Habs, tant illi huwa tahom id-droga immedjatament. Ukoll skont id-difiza, l-imputat ma riedx u ma kellu l-ebda intenzjoni li jdahhal id-droga l-habs, izda ried sempliciment juri lil ibnu li huwa kien prova jaghmel dan u nqabad. Id-difiza tissottometti illi biex l-imputat jinstab hati talli dahhal jew ipprova jdahhal id-droga

[1] Din tinsab esebita a fol. 37 *et seq* tal-process.
[2] Ara x-xhieda a fol. 59 u 60 tal-process.

l-habs, irid jirrizulta car illi huwa kellu l-intenzjoni li jdahhal din id-droga u mhux illi taparsi ried idahhal id-droga u illi ried jinqabad.

Kemm Janis Caruana, kif ukoll l-imputat xehdu f'dawn il-proceduri. In ezami, Janis Caruana jghid illi dak iz-zmien, huwa kien il-habs, kien ghaddej minn zmien hazin ghaliex kien juza d-droga eroina, ma kienx joqghod minghajr droga u stante illi d-dar kien ghad fadallu xi eroina, huwa gieghel lil missieru jehodhielu, fis-sens illi "*bdejt nheddu li jekk ma jgibilhix naghmel kummiedji ... kont inkun sick hux, bdejt nghidlu ha nitghallaq*".[3] Jghid illi kien ghad fadallu d-droga fil-but tal-*jeans* li kien qieghed id-dar u talab lil missieru biex jehodlu dak li kien hemm fil-but. Ghalkemm ix-xhud in ezami jipprova jaghti l-impressjoni li missieru ma kienx jaf x'kien l-oggett li ried, biss jirrizulta car mix-xhieda tal-imputat stess illi huwa kien jaf li dak li kien gie mitlub idahhal il-habs minn ibnu kien fil-fatt droga. Effettivament anke in kontro-ezami[4], Janis Caruana jikkonferma illi dak iz-zmien huwa kien qed jilmenta ma' missieru li ma kienx qed jinghata bizzejjed *methadone* u li dan kien jaghmlu kemm waqt il-vizti, kif ukoll fuq it-telefon, ghaliex kien ikun *sick.* Skont ix-xhud, qabel dan il-kaz, huwa mhux l-ewwel darba li wegga' lilu nniffsu ghaliex ma kienx ikollu droga u konsegwentement kien ikun mugugh u mdejjaq – jikkonferma illi carrat sidru b'sikkina permezz ta' xafra waqt li kien il-habs u li prova jaqta' l-polz, ukoll waqt li kien il-habs – u li missieru kien jaf li kien jaghmel dan minhabba d-droga. Jikkonferma wkoll li kemm il-darba kellu xi jghid ma' missieru u li anke kissirlu l-*windscreen* tal-karozza, li missieru qatt ma nkoraggih biex jiehu d-droga u kien proprju ghalhekk illi kien ikollhom xi jghidu, anke ghaliex missieru kien jirrabja mieghu, u kien ukoll ghal din ir-raguni illi meta talbu biex igiblu d-droga fil-habs, huwa heddu li kien ser jitghallaq, apparti illi dwar il-hsara fil-*windscreen*, jinsisti li dan l-argument ma' missieru ma kienx relatat ma' droga.

Minkejja illi l-incidenti gewwa l-habs, li ghalihom jirreferi Janis Caruana fix-xhieda tieghu, ma gewx ikkonfermati mit-tabib tal-habs, Dr. Ravindra Omprakash Agarwal[5], meta dan ghamel referenza ghar-rekords medici fil-habs tal-istess Caruana, biss l-istess tabib ikkonferma illi Janis Caruana gie rikoverat kemm il-darba gewwa l-Isptar Monte Karmeli, li kemm il-darba kien gie invistat minn psikjatra u li kien gie anke riferut ghall-istess sptar meta pprova jibla' xi xfafar fil-5 ta' Ottubru 2012. Jirrizulta wkoll minn din ix-xhieda illi Caruana ddahhal gewwa l-istess sptar fil-5 ta' Settembru 2012 u dan "*for his own safety*".[6] Skont l-

[3] A fol. 68 tal-process.
[4] A fol. 88 sa 99 tal-process.
[5] A fol. 118 sa 125 tal-process.
[6] A fol. 121 tal-process.

istess rekords medici, Caruana ddahhal ukoll gewwa l-Isptar Monte Karmeli fis-6 ta' Ottubru 2008, fil-5 ta' April 2010 u fl-1 ta' Novembru 2010, dejjem in konnessjoni mal-vizzju tad-droga.

Dwar dan, ghalkemm kif inghad ma jirrizultax mir-rekords medici illi Janis Caruana ghamel dak allegat minnu fix-xhieda tieghu, waqt li kien gewwa l-habs, biss kemm minn dawn ir-rekords medici, kif ukoll mill-komportament ta' Caruana fuq il-pedana tax-xhieda in kontro-ezami, il-Qorti m'ghandhiex dubju illi Caruana kien tassew erratiku fl-agir tieghu b'konsegwenza tal-abbuz u tal-vizzju tad-droga eroina u li dan kien sors ta' inkwiet ghal missieru. Il-fatt illi huwa bela' jew ipprova jibla' xfafar waqt li kien fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, kif jirrizulta mir-rekords medici tieghu, anke jekk sussegwenti ghal kaz odjern, jixhet dawl dwar il-karattru ta' Caruana u juri kemm kien erratiku u kemm kien jasal b'rizultat tal-vizzju tad-droga.

Il-Qorti ghalhekk temmen li kien verament dan li wassal lill-imputat odjern sabiex jaghmel dak li gie mitlub minn ibnu fil-jum in kwistjoni ossia illi jdahhal id-droga eroina mieghu gewwa l-habs ghal vista li kien ser ikollu ma' ibnu. Apparti illi Janis Caruana jikkonferma in ezami illi huwa kien hedded lil missieru li ser jitghallaq, kemm il-darba ma jgiblux dak li kellu d-dar fil-qalziet – ossia d-droga eroina – dan jghidu wkoll l-imputat fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri: "*Qalli ghandi bicca d-dar u jekk mhux ser ggibieli, nitghallaq. Ghidtlu u ejja*!".[7] Mhux biss, izda din fil-fatt kienet il-verzjoni tal-imputat *a tempo vergine* ftit tal-hin wara li nqabad bl-istess droga fil-pussess tieghu gewwa l-habs. Fl-istqarrija tieghu tas-7 ta' Ottubru 2010, rilaxxjata minnu ftit tal-hin wara l-arrest tieghu, wara li huwa nghata s-solita twissija u d-dritt li jottjeni parir legali qabel l-istess, liema dritt huwa ghazel li ma jezercitahx, l-imputat jghid illi ibnu talbu biex idahallu l-i*smack* "*ghax inkella jitghallaq u jien emmintu*".[8] Izjed tard fl-istess jum, imbaghad, l-imputat ikkonferma din l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Anke qabel din l-istqarrija, proprju ftit tal-hin wara li nstab bid-droga, l-imputat qal dan id-diskors lil PS 1495 Joseph Muscat li tkellem mal-istess imputat – "*Jumejn ilu kelli visit mat-tifel u genninni, beda jghidli li ser jaghmel suwicidju jekk ma ngiblux id-droga*…".[9]

L-imputat jispjega wkoll fix-xhieda tieghu kif in-neputi tieghu ossia iben Janis kien jistaqsih ta' spiss dwar meta missieru kien hiereg mill-habs u kif hu hass li jekk ibnu verament jaghmel dak li kien qallu, ma jkunx jista' jghix b'dak ir-rimors.

---

[7] A fol. 103 tal-process.
[8] A fol. 24 tal-process.
[9] A fol. 65 u 66 tal-process.

"*Imbaghad jghidli 'ha nitghallaq' u ghidt issa jekk jitghallaq u t-tifel ... meta jikber ... jghidli d-daddy ghalfejn tghallaq u jsir jaf li ghax ma ridtx naqdieh f'xi haga, jghidli inti kont kagun qtiltli lil missieri*".[10]

Kif inghad u ghar-ragunijiet fuq spjegati, il-Qorti temmen illi l-mottiv li wassal lill-imputat odjern sabiex imur bid-droga eroina l-habs fil-jum in kwistjoni kien proprju ghaliex beza' illi ibnu tassew jaghmel dak li qallu li kien ser jaghmel ossia illi jitghallaq.

Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid ukoll illi mhux minnu li huwa kellu l-intenzjoni li jdahhal id-droga l-habs, ghaliex hekk kif l-Ufficjali tal-Habs bdew ifittxulu, huwa tahom id-droga mill-ewwel. Jghid illi kieku ried huwa seta' telaq minghajr ma ssoggetta ruhu ghat-tfittxija, izda huwa ried jibqa' ghaddej sabiex jinqabad, biex b'hekk ibnu jahseb li huwa verament ipprova jdahhallu d-droga, izda ma rnexxielux ghal ragunijiet mhux imputabbli lilu u b'hekk ibnu jerga' lura minn kelmtu.

Biss il-Qorti tinnota mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Habs CO 133 Raymond Theuma[11], illi meta hu flimkien mal-Assistent Maggur David Scerri, dahhlu lill-imputat sabiex issirlu *strip search* u anke informawh b'dan, l-imputat kien diga` beda jaghtihom il-hwejjeg u kien fil-mument li wasal fil-qalziet ta' fuq li kien liebes, li l-Assistent Maggur innota illi l-imputat kellu xi haga fuq in-naha tax-xellug li, da parti tieghu ghaddiha fil-pront f'idejn ix-xhud. L-istess jghid PS 1495 Joseph Muscat li dakinhar tal-incident tkellem ma' CO 133 u mal-Assistent Maggur Scerri li skont hu, qalulu illi waqt *strip search* li kienu qeghdin jaghmlu lill-imputat, hekk kif dan gie mitlub sabiex inehhi l-qalziet, f'idejh instabet borza zghira cara li kien fiha trab kannella.[12] Dan ifisser ghalhekk illi l-imputat ma dahalx il-habs jew ghal din it-tfittxija bid-droga f'idejh, kif lanqas ma ghadda d-droga lill-Ufficjali tal-Habs qabel bdiet it-tfittxija, izda ghaddielhom id-droga minn idu meta t-tfittxija kienet diga` bdiet u kien diga` nehha xi hwejjeg minn fuqu. Ghalhekk ghalkemm huwa minnu illi l-imputat ikkopera u ghadda d-droga lill-Ufficjali tal-Habs huwa stess, ma jfissirx madankollu illi huwa mar bid-droga gewwa l-habs sabiex jinqabad, kif jghid fix-xhieda tieghu. Il-mottiv li wassal lill-imputat biex imur bid-droga l-habs ossia illi huwa beza' li ibnu jaghmel dak li qallu li kien ser jaghmel, ma jxejjinx l-intenzjoni tal-istess imputat li jdahhal id-droga l-habs. Effettivament huwa dahal b'din id-droga gewwa l-habs fil-pussess tieghu u wara li kienet bdiet it-tfittxija fuqu u kien diga` ta lill-Ufficjali tal-Habs xi hwejjeg, minn jeddu huwa

[10] A fol. 103 tal-process.
[11] A fol. 61 tal-process.
[12] A fol. 65 u 66 tal-process.

tahom id-droga, li jindika lill-Qorti illi din kienet decizjoni li huwa ha dak il-hin, x'aktarx ghaliex kien jaf li ser jinqabad, u mhux kif jghid hu, illi dahal il-habs bid-droga, bl-intenzjoni *a priori* li jinqabad.

Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tqis illi l-intenzjoni o meno tal-imputat li jdahhal id-droga l-habs ma xxejjinx ir-reita` tal-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Dwar dan irid jinghad fl-ewwel lok illi permezz tat-tielet imputazzjoni, l-imputat gie addebitat bir-reat ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta ossia illi minghajr l-awtorita` legittima, huwa dahhal jew ipprova jdahhal oggett li huwa pprojbit, skond xi regolamenti maghmula taht l-Att dwar il-Habs, f'xi parti tal-konfini ta' habs. L-imputazzjoni kif redatta tirreferi ghall-kliem uzat fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 260 u mhux fl-Artikolu 7(2) tal-istess Kapitolu, li jirreferi specifikatament ghal dawk il-kazijiet fejn l-oggett li jidhol jew li jsir attentat biex jidhol f'habs, ikun medicina perikoluza skont l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. F'dak il-kaz, il-piena ma tibqax dik ikkontemplata fis-sub-artikolu (1) ossia dik ta' multa ta' mhux izjed minn mitejn, tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn xahar u mhux izjed minn tmintax-il xahar, kemm il-darba ma jkunx hemm provduta piena oghla taht xi ligi ohra. Din il-kawza bdiet tinstema' fit-13 ta' Novembru 2012 u ghalhekk fiz-zmien meta l-kompetenza originali ta' din il-Qorti kienet ghadha, ai termini tal-Artikolu 370(1) tal-Kap. 9, dik dwar delitti meta jaqghu, fost ohrajn, taht il-pieni tal-prigunerija ghal zmien mhux aktar minn sitt xhur. Dan ifisser illi meta bdiet tinstema' din il-kawza, il-piena indikata fis-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 7 kienet tezorbita mill-kompetenza originali ta' din il-Qorti, li jfisser ukoll illi sabiex il-Qorti setghet tkompli tisma' l-kaz bi procedura sommajra, kellu jsir l-ezami tal-imputat skont il-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (4) tal-Artikolu 370 u kien jehtieg il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9. Fil-kaz odjern, ma sarx l-ezami tal-imputat skont il-ligi u lanqas ma gie esebit il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-imsemmi artikolu u tenut kont ukoll tal-kliem uzat fit-tielet imputazzjoni, isegwi illi l-Qorti tista' biss tikkunsidra din l-imputazzjoni fit-termini tal-Artikolu 7(1) u mhux tal-Artikolu 7(2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi wkoll illi la darba r-reat ikkontemplat f'din l-imputazzjoni jgib mieghu piena ta' multa, ai termini tal-Artikolu 688(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn. Jirrizulta mill-atti illi fl-ewwel seduta tas-17 ta' Lulju 2012, l-imputat ma deherx u giet esebita riferta negattiva. Kien imbaghad fit-tieni seduta tat-13 ta' Novembru 2012 illi l-imputat deher ghas-smiegh tal-kawza u seduta stante inghata kopja tac-*charge sheet* odjerna u ta ruhu notifikat bl-

istess. Effettivament m'hemm l-ebda riferta fl-atti li turi illi l-imputat kien gie notifikat bl-imputazzjonijiet odjerni qabel din id-data. Stante illi l-akkuza tirreferi ghas-7 ta' Ottubru 2010 u z-zminijiet ta' qabel, ifisser illi sa dakinhar tat-13 ta' Novembru 2012, kien diga` ghadda t-terminu tas-sentejn u ghalhekk l-azzjoni fir-rigward ta' din l-imputazzjoni kienet preskritta.

Permezz tal-ewwel imputazzjoni, imbaghad, l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' pussess aggravat tad-droga eroina ossia bil-pussess tad-droga f'tali cirkostanzi li juru li din ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu. Kif inghad izjed 'il fuq, fix-xhieda tieghu l-imputat jghid illi ibnu qallu li kellu d-droga d-dar u dan jikkonfermah ukoll l-istess Janis Caruana, li jghid illi lil missieru huwa qallu li kellu d-droga f'qalziet u ghalhekk talbu biex jehodhielu l-habs. Dan fil-fatt l-imputat ghamlu u baqa' diehel il-habs b'din id-droga eroina. Il-Qorti tirrileva illi mill-mument li l-imputat ha fil-pussess tieghu din id-droga, kif kien qallu sabiex jaghmel ibnu, ikkonfigura r-reat tal-pussess aggravat. Certament u m'hemmx dubju illi l-imputat ma hax il-pussess ta' din id-droga sabiex jaghmel uzu minnha hu jew fi kliem iehor, ghall-konsum tieghu, izda bl-intenzjoni cara li jidhol biha l-habs. La darba l-imputat ma kienx ser juzaha hu, huwa rrilevanti x'kien bi hsiebu jaghmel biha wara u cioe` jekk kienx bi hsiebu jghaddiha lil ibnu jew kienx bi hsiebu jidhol biha l-habs biex jinqabad, kif jallega hu. Dan qed jinghad biss sempliciment ghall-grazzja tal-argument u mhux ghax il-Qorti temmen illi l-imputat verament kellu l-intenzjoni *a priori* li jinqabad bid-droga fil-habs. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' April 2017, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lawrence Fabri**, fejn f'dak il-kaz, l-appellant sostna illi biex jissussisti r-reat ta' pussess aggravat ta' droga, hemm il-htiega illi l-ewwel u qabel kollox tigi ppruvata l-intenzjoni tal-ispacc u cioe` illi l-pussess tal-awtur tar-reat irid ikun wiehed intiz ghall-ispacc.

Dwar dan, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"*Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma' tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta' spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument ta' dritt li iressaq 'il quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni ingliza u cioe' il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq "***possession with intent to supply***", bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni u cioe' li ser isir xi forma ta' traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il-pussess ta' droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta' l-ispacc. Illi ghalhekk*

*ghalkemm kif inghad, hemm din id-distinzjoni fina bejn il-legislazzjoni taghna u dik Brittanika, l-prova hija l-istess dwar l-inferenza li tista' issir mill-gudikant. Madanakollu jerga' jigi ribadit illi l-prova fil-ligi ingliza hija wahda iktar iebsa fuq il-Prosekuzzjoni li trid necessarjament tipprova l-intenzjoni ta' l-ispacc kuntrarjament ghal-ligi taghna fejn l-intenzjoni trid tkun tali li tindika li din ma kenitx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Dan huwa indikat b'mod car fis-sentenza Il-Pulizija vs Jason Mallia li din il-Qorti ser taghmel referenza ghaliha meta hemm imghallem superjorment:*

"***Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha***".[13]

…

*Maghmula allura dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt huwa bil-wisq evidenti li l-interpretazzjoni li l-appellanti qed jintenta jaghti lir-reat addebitat lilu ma huwiex wiehed ghal kollox korrett billi qed jistrieh iktar fuq id-definizzjoni moghtija fid-dritt ingliz iktar milli dak lokali fejn il-ligi mkien ma' tindika illi l-pussess irid ikun wiehed "with intent to supply" izda wiehed li "mhux ghall-uzu esklussiv tal-hati" distinzjoni sottili hafna li madanakollu ma igorrx mieghu l-piz iebes li hemm fuq il-prosekutur brittaniku kuntrarjament ghal prosekutur malti. Kwindi anke dan l-aggravvju qed jigi rigettat.*"

Irid jinghad ukoll illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Jason Mallia**, fuq citata, ziedet tghid ukoll qabel il-bran citat illi:

"*Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101*

[13] Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999.

*irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni.*"

Stabbiliti dawn il-principji gurisprudenzjali u la darba jirrizulta illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu, konxjentement u volontarjament, id-droga eroina, liema droga certament li ma kinitix intiza ghall-uzu tieghu, isegwi illi l-pussess ta' dik id-droga da parti tal-imputat kien wiehed aggravat u ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni giet ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, li tikkontempla t-tentattiv li wiehed jaghmel reat kontra l-Ordinanza, la darba l-Qorti qed issib htija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ossia tar-reat komplut tal-pussess aggravat, qed tqis din l-imputazzjoni bhala wahda alternattiva u ghaldaqstant, qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

**<u>Konsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tal-kaz odjern, li tikkonsisti fil-maggor parti taghha f'sejbien ta' htija dwar il-fatt illi l-imputat kien jagixxi ta' *hawker* minghajr licenza jew in konnessjoni max-xoghol tieghu ta' *hawker* tal-hobz, dwar reati kontra r-regolamenti tat-traffiku u sewqan ta' opri tal-bahar bi ksur tal-Avviz Legali 129 tal-2001.

Tqis ukoll il-kwantita` tad-droga eroina misjuba fil-pussess tal-imputat, ossia illi mir-relazzjoni tal-espert forensiku, jirrizulta illi t-trab in kwistjoni kellu piz ta' 2.7 grammi, b'purita` ta' cirka 15%.

Qieset ukoll illi l-imputat mill-ewwel ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha u illi kkonferma wkoll l-istqarrija rilaxxjata minnu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalkemm il-Prosekuzzjoni ma ddikjaratx illi l-imputat ghandu jibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, biss jirrizulta car illi l-imputat kixef minn fejn kien gab id-droga u sussegwentement, ittiehdu proceduri fil-konfront ta' ibnu Janis Caruana fejn wiegeb ghal akkuzi relatati ma' dan il-kaz. Fic-cirkostanzi, il-Qorti qeghda tnaqqas il-piena ta' prigunerija bi grad u l-piena pekunjarja bin-nofs.

Qieset ukoll il-mottiv li wassal lill-imputat sabiex jikkommetti r-reat li tieghu qed jinstab hati. Ghalkemm certament illi l-imputat seta' agixxa xort'ohra meta rinfaccjat bit-theddida ta' ibnu li kien ser jitghallaq u dan per ezempju billi informa u talab lill-awtoritajiet sabiex ibnu jinghata l-kura mehtiega, biss il-Qorti ma tistax tinjora illi d-decizjoni tal-imputat li jottjeni l-pussess tal-eroina sabiex jehodha mieghu gewwa l-habs kienet unikament dovuta ghall-fatt illi huwa verament emmen li ibnu kien jasal sabiex jaghmel dak allegat minnu. Minkejja li kif inghad dan il-mottiv ma jxejjinx il-htija fl-imputat, biss fil-fehma tal-Qorti dan kollu ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghal fini ta' piena.

**Konkluzjoni**

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' hames (5) xhur prigunerija effettiva u multa ta' seba' mitt ewro (€700) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ghar-ragunijiet fuq indikati, qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

Tiddikjara t-tielet imputazzjoni bhala preskritta u ghaldaqstant qed tillibera lill-imputat minn kull htija u piena fir-rigward tal-istess.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez relatati mal-hatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut. Il-Qorti mhijiex tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra ta' PS 465 Daniel Abela stante illi ghalkemm huwa gie mahtur, fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-kaz, sabiex jiehu r-ritratti necessarji, fl-atti odjerni giet esebita biss vera kopja tar-relazzjoni tieghu minghajr ritratti.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-

procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat